# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 18

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

Il-Ħamis 10 ta' Jannar 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fis-6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Ralph Cassar – Kunsillier Ħ'Attard
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Chircop – Sindku Tas-Sliema

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Anthony Chircop fejn informa lill-membri li ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba li aktar kmieni dakinhar kellu jagħmel operazzjoni. Is-Sur Fenech Adami nforma lill-membri li għal din il-laqgħa s-Sur Stefan Cordina ma setax ikun preżenti pero is-Sur Ralph Cassar kien preżenti għal din il-laqgħa f'isem il-Kunsill ta' Ħ'Attard.

18.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 17 li saret nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

18.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondati mill-Kunsillier ta' San Ġwann, mis-Dominic Cassar.

## 18.3 Komunikazzjoni mill-President

18.3.1 Il-President qal li ma kellu l-ebda komunikazzjoni min naħa tiegħu.

## 18.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

18.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

18.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 18.5 Prezentazzjoni dwar SUMP minn rappreżentanti tat-TM

18.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li għal din il-laqgħa kellhom ikunu preżenti rappreżentanti minn Transport Malta sabiex jgħatu spjegazzjoni dwar il-proġett tal-UE, SUMP. Sfortunatment, nhar it-Tnejn 7 ta' Jannar 2019 is-Segretarju Eżekuttiv ġiet infurmata li d-Direttur kien ha jkun indispost u għal din ir-raġuni din il-preżentazzjoni ser tiġi posposta għal-laqgħa tar-Reġjun li jmiss, fi Frar 2019.

## 18.6 Rapporti

18.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ fil-kamra lill-Accountant tar-Reġjun, lis-Sur Daniel Galea, sabiex jiġu ppreżentati il-*Financial Quarterly Report* għall-ewwel disa' xhur tas-sena 2018 kif ukoll l-Estimi annwali għas-sena 2019.

18.6.2 Wara spjegazzjoni dettaljata dwar ir-rapport finanzjarju, il-membri preżenti unanimament approvaw dan ir-rapport.

18.6.3 Is-Sur Galea preżenta l-estimi annwali għas-sena 2019 u spjega kif għal sena oħra dawn l-estimi ma setgħux ikunu bbażati fuq allokazzjoni peress li l-ammont eżatt dwar l-allokazzjoni għadha mhux determinata.

18.6.4 Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, staqsa għalfejn ma ttieħidx f'kunsiderazzjoni l-ammont imsemmi u jiġi maqsum bejn il-ħames Reġjuni.

18.6.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li s-Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet tistaqsi lid-Direttur għal Monitoraġġ u Support, lis-Sur Adrian Mifsud, dwar jekk l-ammont hux ser jinqsam bejn ħames jew sitt Reġjuni u jekk l-ammont huwiex ser ikun maqsum ugwalment.

18.6.6 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li lejn l-aħħar ta' Diċembru 2018, dan ir-Reġjun irċieva emejl mingħand id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, fejn dan ir-Reġjun ġie infurmat li ser isir *Performance Audit* lir-Reġjuni fil-bidu tas-sena 2019 mill-kumpanija Reanda Malta Ltd. Għal din ir-raġuni, is-Sur Adrian Mifsud informa lil dan ir-Reġjun li dettalji dwar l-allokazzjoni ser jingħataw biss wara li jkun sar dan l-awditjar.

18.6.7 Is-Sur Michael Fenech Adami żied jgħid li qabel ma wasal għal laqgħa tar-Reġjun, kien qiegħed preżenti fil-laqgħa ta' l-AKL fejn hu staqsa x'ser jiġri mir-Reġjuni. Huwa spjega kif aktarx i-numru ta' Reġjuni ser jibqa' l-istess. Kif ukoll, it-terminu tal-President ser ikun estiż għal tliet snien oħra sabiex ikun *in-line* ma' l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

18.6.8 Ir-rapport bl-estimi annwali ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

18.6.9 ***18:53pm – il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, skuża ruħu mill-laqgħa.***

18.6.10 Il-President irringrazzja lill-Accountant, is-Sur Daniel Galea, talli għal darb'oħra tagħna spjezzjoni dettaljata tal-pożizzjoni finanzjarja ta' dan ir-Reġjun.

## 18.7 Approvazzjoni tal-Vakanza ta' *Accounts Officer* (Skala 13)

18.7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif wara l-laqgħa preċedenti l-bord kompost mis-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Anthony Chircop u s-Sur Dominic Cassar fil-preżenza tas-Sinjura Jeanette Galea, iltaqgħu nhar l-Erbgħa 9 ta' Jannar 2019 sabiex isiru l-intervisti lit-tliet applikanti. Ftit qabel ma bdew l-intervisti, wieħed mill-applikanti nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma kienx ser jattendi minħabba li kien jinsab ma' jiflaħx. Wara li ġew intervisti ż-żewġ applikanti, il-bord unanimament iddeċieda li għandha tintagħżel is-Sinjura Marthese Camilleri.

18.7.2 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 18.8 Sejħa għal Servizz ta' Accountant għar-Reġjun

18.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ittra ta' kjarifika lil wieħed mill-kuntratturi. Dan il-bord għandu jerġa jiltaqgħa fil-ġranet li ġejjin sabiex l-evalwazzjoni ta' din is-sejħa tiġi magħluqa. Peress li l-proċess għadu ma ġiex konkluz, is-Segtretarju Eżekuttiv bagħtet ittra lil DGalea Consult Ltd. sabiex il-kuntratt li dan ir-Reġjun għandu fil-preżent jiġi mġedded għal tliet xhur, sa April 2019. Pero din il-kumpanija ma tatx deċizjoni sal-laqgħa.

18.8.2 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 18.9 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-impjegati

18.9.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda għal approvazzjoni r-rapport tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, fejn hu irrakomanda li tingħata l-persentaġġ ta' 10%.

18.9.2 Il-membri preżenti unanimament approvaw dan ir-rapport.

18.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, resqet fuq il-mejda r-rapporti ta' l-impjegati fejn irrakomandat li l-impjegati kollha għandhom jingħataw l-persentaġġ ta' 6%.

18.9.4 Il-membri preżenti unanimament approvaw dawn ir-rapporti.

## 18.10 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Kors dwar il-GDPR*

18.10.1 Il-President ressaq fuq il-mejda e-mejl mingħand il-President ta' l-ANSEK, is-Sur Paul Gatt, dwar kors ta' tmien siegħat fuq il-GDPR li ser ikun offrut f'Jannar 2019. Għal dan il-kors, ser tattendi s-Segretarju Eżekuttiv u għal din ir-raġuni ser jitħallas pagament ta' €175.

18.10.2 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Ħatra ta' Direttur*

18.10.3 Il-President informa lill-membri dwar komunikat numru 1/2019 mid-Direttur Ġenerali dwar il-ħatra tas-Sur Christopher Galea bħala Direttur għal monitoraġġ u support ġdid mill-1 t'April 2019.

- *Kunsill Lokali Imsida*

18.10.4 Il-President ressaq fuq il-mejda t-talba mingħand dan il-Kunsill sabiex il-proġett ta' xogħolijiet li saru ġewwa Indri Grima Belveder li jammonta għal €34,296.71 jiġu approvati mill-fondi tar-Reġjun.

18.10.5 Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

## 18.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

18.11.1 Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 16A u 16B.

18.11.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 18.12 Mozzjonijiet

18.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 18.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

18.13.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:15pm u l-President fakkar lill-membri preżenti li d-data tas-seduta li jmiss tar-Reġjun hija nhar il-Ħamis 14 ta' Frar 2019, fis-6:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 14 ta' Frar, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |